# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

KAZ NRU. 769

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Carmen Zammit nee Cordina

u

Dr. V.E. Ragonesi LL.D.

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

## DIGRIET

It-Tribunal jirreferi ghas-sottomessjoni tal-parti appellata li l-oneru tal-prova fuq din il-kwistjoni tax-xoghol ghandha tkun ta' l-appellanta peress li, dejjem skond l-parti appellata kienet l-appellanta li bidlet li "*status quo*" u li per konsegwenza ghamlet il-"*claim*".

Din is-sottomissjoni giet opposta mill-appellanta ghar-raguni li ma kinitx il-parti li riedet tibdel jew bidlet li "*status quo*" u li t-talba taghha biex it-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha jigi riferit lit-Tribunal Industrijali ma tistax titqies bhala "*claim*".

Fil-kaz tas-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet gew rilevati u kkwotati diversi artikli tal-Ligi rilevanti ir-Regoli tal-1957 dwar il-procedura tat-Tribunal Industrijali kif ukoll il-konvenzjoni Nru. 158 tal-*International Labour Organisation.*

Wara li t-Tribunal ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet bil-miktub kif ukoll l-osservazzjonijiet orali tal-partijiet kif ukoll ikkunsidra ir-rikors tal-parti appellata prezentat nhar l-Erbgha 25 ta' Novembru, 1998 u r-risposta tal-parti appellanti jrid josserva li r-Regoli tal-1957 dwar il-Procedura tat-Tribunal Industrijali kienu saru fid-dawl u in kunsiderazzjoni tal-*Conciliation & Arbitration Act* tal-1948 li kellha l-ghan li tittratta disputi jew tilwim industrijali u aktar tard bl-introduzzjoni tal-*Conditions of Employment Regulations Act* tal-1952. Ma hemmx dubju li dawn iz-zewg ligijiet industrijali innecessitaw il-holqien tar-Regoli tal-1957 biex jirregolaw il-procedura tat-Tribunal Industrijali. Ghaldaqstant wiehed irid bil-fors jaghti interpretazzjoni limitata lill-kelma "*claim*", li fil-fehma tat-Tribunal m'ghandhiex tigi estiza li tapplika fil-kazi ta' terminazzjoni ta' l-impjieg.

Huwa veru li r-Regoli tal-1957 huma applikabbli anke fil-kazi ta' tkeccija mill-impjieg izda l-kelma "*claim*" fil-fehma tat-Tribunal ma tistax tigi nterpretata u applikata fin-negattiv fil-kuntest tal-principju "*Probati incumbit ei qui dicit non ei qui negat*" cioe' l-oneru tal-prova taqa' fuq min jallega u mhux min jichad. Li l-appellanta ppromoviet il-kaz huwa mmaterjali ghax hija l-parti appellata li kecciet lill-appellanta u biex sar hekk zgur li l-parti appellata trid issostni l-allegazzjonijiet u/jew ir-ragunijiet taghha.

Dan il-principju gie dikjarat f'diversi decizjonijiet tat=Tribunal Industrijali, (vide Decizjoni Nru. 318 fil-kwistjoni tax-xoghol bejn John Azzopardi u Comino Holdings Ltd u Decizjoni Nru. 329 fil-kaz Marisa Theuma u Sportiva Ltd., Chairman Dr. Richard Camilleri LL.D.).

Fil-fehma meqjusa tat-Tribunal dan kollu jikkonferma li kienet il-parti appellata li originat il-kwistjoni tax-xoghol u konsegwentement kienet il-parti li perse iddisturbat li "*status quo*".

It-Tribunal irid ukoll jirreferi ghall-poteri mghotija lilu permezz tal-Artikli 30(1) u 31(3) tal-Kapitlu 266 li jaghtu fakolta lit-Tribunal jirregola l-procedura tieghu stess.

Din l-istess awtorita' hija nkluza fil-paragrafu 9 tar-Regoli tal-1957.

F'dan ir-rigward, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument wiehed kellu jikkoncedi li fil-kaz odjern il-kwistjoni hija ta' natura illi l-ebda parti ma tista' tinghad li tkun qeghda taghmel il-"*claim*" jew qeghda tfittex li tbiddel li "*status quo*" (li mhux il-kaz), it-Tribunal ghandu jiddeciedi liema parti ghandha tibda, kif ukoll il-procedura generali.

Finalment, ghalkemm il-konvenzjoni Nru. 158 tal-I.L.O. tista', anke bir-rizervi taghha, titqies ammessibbli bhal raguni valida dwar l-oneru tal-prova fil-kaz tat-terminazzjoni ta' l-impjieg, it-Tribunal jidhirlu li hemm ragunijiet legali sufficcjenti Maltin li jawtorizaw lit-Tribunal li jiddeciedi ta' min hu l-oneru li jibda l-kaz f'din il-kwistjoni tax-xoghol.

Anke l-konswetudni f'dan ir-rigward tikkonferma li t-Tribunal Industrijali jaderixxi mall-prattika prevalenti li l-oneru tal-prova fil-kazi ta' tkeccija mill-post tax-xoghol huwa tal-parti appellata.

Ghaldaqstant, wara li kkunsidra s-sottomissjonijiet kollha u l-osservazzjonijiet orali li saru waqt it-trattazzjoni ta' dan il-punt, dejjem fid-dawl ta' l-osservazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, it-Tribunal jiddeciedi li l-oneru tal-prova fil-kaz odjern huwa tal-parti appellata.

------------------

**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

Illum: 15 ta' Dicembru, 1998